Minuti tas-sitta u sittin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali għall-Gudja li ġiet imsejħa b'urġenza u li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar it-Tlieta 05 t'April 2016 fis-7.15pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut, u Stefan Caruana |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Services Executive Manager* | Joseph M. Formosa |
| Skużati: | Kunsilliera | Demelsa Grech |
| | Ambaxxatriċi | Sara Camilleri |

Aġenda:-

1. Tankijiet tal-gass f'Ħas Saptan

2. Għeluq tal-laqgħa

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-7.15pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat li Sa Grech bagħtet tinforma lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi minħabba impenji oħra li ma setgħetx tipposponi għal data oħra. Il-Kunsill qabel li f'dawn iċ-ċirkustanzi Sa Grech għandha tiġi konsidrata bħala skużata għal kull fini dwar l-attendenza u proċedura stabbilita. Sa. Camilleri infurmat lill-Kunsill illi ma setgħetx tattendi minħabba impenji ta' studju u għalhekk il-Kunsill qabel li f'dawn iċ-ċirkustanzi għandha tiġi kkonsidrata bħala skużata.

Attendenza oħra:

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku informa lill-Kunsill illi għal din il-laqgħa kienu qed jattendu s-Sur Kevin Chircop Executive Chairman Enemed Ltd, is-Sur Frans Cassar Chairman Petromal Ltd u s-Sur Melvin Pulis Project Manager Enemed Ltd. Preżenti wkoll is-Sur Michel Mifsud President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella u s-Sur Mario Mifsud Assistent Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika La Stella.

Wara diskussjoni qasira dwar l-involviment ta' dawn il-persuni waqt din il-laqgħa tal-Kunsill sar qbil li dawn il-persuni setgħu jipparteċipaw waqt il-laqgħa skont kif ikun mixtieq mill-membri tal-Kunsill.

**1.0 <u>Tankijiet tal-gass f'Ħas Saptan</u>**

1.1 Is-Sindku stieden lis-Sur Sammut sabiex jindirizza l-laqgħa bħala l-ewwel kelliem.

1.2 Is-Sur Sammut qal li malli ġie infurmat dwar dan l-iżvilupp huwa ħass li l-Kunsill għandu jkun jaf dwar id-dettall fuq il-Project Development Statement u l-impatt ta' dan l-iżvilupp sabiex l-interessi tar-residenti tal-Gudja jiġu mħarsa u li l-interessi ekonomiċi ma jwarrbux l-interessi tal-ambjent u l-ħarsien sabiex ir-residenti tal-Gudja jkollhom ħajja aħjar.

Hawnhekk il-Kunsill ta l-kelma lis-Sur Kevin Chircop sabiex jispjega l-Project Development Statement u l-implikazzjoni ta' dan l-iżvilupp u l-ħtieġa u l-effetti tiegħu b'mod ġenerali.

1.3 Is-Sur Chircop beda billi qal li għalkemm dan it-tip ta' proġett ħadd ma jkun jixtiequ wara biebu, it-tankijiet ilhom hemm fuq il-post mill-1954 u qatt ma ġralhom ħsara. Ix-xogħol li sejjer isir huwa forma ta' *refurbishment* bħala double skin u attrezzi oħra ta' żvilupp kontrollat għal ħtiġijiet ġodda tal-kumpanija li topera b'mod modern u effiċjenti u sigur kif ikun meħtieġ.

Is-Sur Chircop qal li l-proġett propost kien sejjer jara li jħares u jipproteġi l-ambjent u li jsir dak kollu possibbli sabiex ma ssirx l-ebda ħsara ambjentali u li l-inħawi tal-madwar ikunu jistgħu jitgawdew aħjar.

1.4 Is-Sindku qal li huwa favur il-proġett kif propost u spjegat mis-Sur Chircop. Is-Sur Sammut qal li hemm ħafna dwar x'wieħed jitħasseb għaliex sejrin jinqalgħu siġar, post li kien iservi għal kamping, ġiri bir-rota fil-kampanja u mixjiet sejjer jintilef u b'hekk ir-residenti tal-Gudja sejrin jinqarsu u dan barra t-tħassib dwar ir-riskju li sejjer jiżdied u mhux jonqos.

1.5 Is-Sur Sammut qal li s-sit huwa kopert f'diversi *policies* tal-MEPA dwar il-protezzjoni tal-ambjent. Il-MEPA turi li dan il-post għandu *high lanscape value* u għalhekk wieħed jistenna li meta jkun hemm il-konsultazzjoni quddiem il-MEPA (jew kull aġenzija tal-istat sabiex jipproteġi l-ambjent) l-istess MEPA tqajjem l-oġġezzjoni dwar dan l-iżvilupp propost. Is-Sur Sammut semma diversi *policies* tal-MEPA li kollha juru li dan il-proġett ma jissodisfax il-kriterji tal-MEPA.

Is-Sur Sammut stqarr li fiċ-ċirkustanzi dawn it-tankijiet għandhom jiġu rrilokati xi mkien ieħor.

Is-Sur Caruana qal li huwa ċar li l-MEPA għandha policies ċari li dan il-proġett kif propost ma għandux jiġi milqugħ u għalhekk il-Kunsill għandu jagħmel l-osservazzjonijiet u l-oġġezzjonijiet tiegħu dwar dan il-proġett.

1.6 F'dan l-istadju s-Sur Michel Mifsud (President Soċjetà Filarmonika La Stella) għamel l-intervent tiegħu billi qal li l-proġett kien sejjer jaffettwa ħażin l-kamra tan-nar tas-Soċjetà. Is-Sur Mifsud qal li huwa meħtieġ li tingħata garanzija mill-

MEPA u mill-awtoritajiet kompetenti li l-qagħda preżenti tal-kamra tan-nar La Stella mhux sejra tiġi b'xi mod jew ieħor affettwata ħażin f'din il-proġett.

Intqal ukoll li kienu sejrin ikunu 40 tanker li kuljum sejrin jgħaddu mill-qabla tar-raħal tal-Gudja. Is-Sur Chircop stqarr li l-flow tat-traffiku mhux sejjer jiżdied b'5 trakkijiet fis-siegħa.

1.7 Tħassib ieħor huwa dak li dan l-iżvilupp jinsab barra ż-żona ta' żvilupp u li hemm ħafna punti oħra li mhux ċari.

Is-Sur Sammut qal li hemm il-ħtieġa wkoll ta' *environmental impact assessment* (EIA) sabiex l-istampa tkun aktar ċara.

Sabiex l-Enemed issalva s-sit ta' Ħas-Saptan din tista' tixtri sit f'Bengħajsa u b'hekk is-sit ta' Ħas-Saptan jiġi salvat darba għal dejjem.

Kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana stqarru u wrew dokumenti li dan il-proġett fil-fatt kien diġà ġie rrifjutat aktar minn 11-il sena ilu.

1.8 Is-Sindku reġa' rribatta li dawn it-tankijiet ilhom fil-post aktar minn 50 sena u qatt ma ġara xejn. Is-Sindku qal li huwa jħoss illi peress dawn it-tankijet ilhom fl-inħawi ta' Ħas-Saptan u peress li l-iżvilupp sejjer ikun għall-aħjar il-Kunsill tal-Gudja ma għandux iwaqqaf proġett utili minħabba ftit nies li jmorru jsuqu r-roti f'dawn l-inħawi.

1.9 Is-Sur Sammut qal li fiċ-ċirkustanzi peress li s-Sindku jidher ċar u deċiż li jaqbel mal-proġett meta jidher li primarjament sejjer jolqot ħażin lir-residenti tal-Gudja ma jistax jifhem kif l-istess Sindku tal-Gudja kien oġġezzjoni dwar il-proġett ta' Sant'Antnin meta dan jinstab ferm 'il bogħod mill-Gudja.

1.10 Is-Sindku wieġeb li fejn ikun hemm bżonn joġġezzjona huwa kien lest li jagħmel dan bla ebda dewmien, iżda peress li t-tankijiet ilhom hemm aktar minn 50 sena u ma hemmx periklu, anzi l-iżvilupp sejjer jgħin dik eżistenti u jnaqqas il-periklu huwa kien sejjer jibqa' jinsisti li huwa favur il-proġett kif propost għaliex dan huwa proġett modern.

1.11 Is-Sur Caruana qal li jħossu sorpriż li wara li s-Sindku 11-il sena ilu kien oġġezzjona għal dan il-proġett, issa kien qiegħed jidher kompletament favur għall-istess proġett.

1.12 Is-Sindku wieġeb li t-tankijiet kellhom jitneħħew iżda dawn baqgħu hemm.

1.13 Is-Sur Sammut qal li fil-fatt id-dokument li għandu f'idu kienu 3 sindki (il-Gudja, Ħal Għaxaq u Birżebbuġa) li oġġezzjonaw għal dan l-istess proġett f'Ħas-Saptan.

Is-Sur Sammut qal li fil-fatt il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tad-09 ta' Awwissu 2005 juru fiċ-ċar li l-Gvern Ċentrali kien ta każ tar-rappreżentazzjonijiet tal-Kunsilli rispettivi fosthom dak tal-Gudja u biddel il-post ta' fejn jitpoġġew it-tankijiet tal-ħażna. Il-każ jinsab magħluq u f'dan ir-rigward irringrazzjajna lil Ministru Austin Gatt għall-konsiderazzjoni tiegħu f'dan il-proġett.

Is-Sur Sammut qal li l-problema li jinsab post alternattiva hija dik għall-Enemed Ltd. Il-Kunsill huwa responsabbli li jipproteġi l-interessi tar-residenti tal-Gudja sabiex ikollhom l-aħjar ambjent ħieles mir-riskju u fejn wieħed ikun jista' jgawdi fi spazji ħielsa madwar il-Gudja.

1.14 F'dan l-istadju reġa' qam il-punt li l-fabbrika tan-nar tas-Soċjetà Filarmonika La Stella tista' tintlaqat ħażin u għalhekk teħtieġ konferma uffiċjali u garanzija dwar li dan il-proġett kif propost mhux sejjer jaffettwa ħażin l-operat u funzjoni ta' din il-kamra tan-nar bħalma ilu jiġi eżerċitat għal bosta snin.

Is-Sur Chircop wieġeb lis-Sur Mifsud billi qal li kien sejjer jieħu parir legali dwar dan u x'tip ta' garanzija jista' joffri fiċ-ċirkustanzi preżenti.

Is-Sindku wieġeb li filwaqt li kien favur il-proġett huwa kien qiegħed ukoll jinsisti li l-kamra tan-nar tas-Soċjetà Filarmonika La Stella għandha tiġi protetta u mħarsa u li jkompli jiġi eżerċitat bla limitazzjoni dak li kien qiegħed isir qabel matul is-snin preċedenti.

1.15 Is-Sur Baldacchino qal li jħoss li kien sorpriż li s-Sindku kien diġà ġie infurmat dwar dan il-proġett u li huwa ma kien jaf xejn dwar dak li kien qed jiġi propost. Is-Sur Baldacchino jħoss li se jkun hemm impatt ħażin fuq ir-residenti tal-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li jekk isir il-proġett kif propost ikun diffiċli li jsir park fuq il-ġibjun.

1.16 Il-Kunsillieri Romeo Baldacchino, Mark Anthony Sammut u Stefan Caruana stqarru li huma tal-fehma li l-*full environmental impact assessment* huwa neċessarju qabel l-applikazzjoni dwar dan il-proġett tkun tista' timxi 'l quddiem.

1.17 Is-Sindku reġa' stqarr li xtaq jenfasizza li filwaqt li kien favur il-proġett kif propost irid ukoll li tinkiseb garazija xierqa u b'saħħitha li l-kamra tan-nar ta' La Stella ma tiġix affettwata ħażin b'xi mod jew ieħor.

1.18 Saret diskussjoni dwar diversi punti u fil-konklużjoni s-Sur Baldacchino, is-Sur Sammut u s-Sur Caruana qablu li jagħmlu osservazzjonijiet u oġġezzjonijiet tal-Kunsill għall-iżvilupp propost u li l-kamra tan-nar tal-Każin La Stella għandha tiġi mħarsa u protetta sabiex tkompli tgawdi l-libertà tal-operazzjoni kif ilha tagħmel tul dawn is-snin.

Is-Sindku baqa' li jżomm il-punt li huwa favur il-proġett iżda qabel mal-punt dwar li l-kamra tal-nar tal-każin La Stella tiġi mħarsa.

1.19 Għalhekk fid-deċiżjoni tiegħu l-Kunsill qabel li jikteb il-MEPA fi żmien 24 siegħa peress li ż-żmien tal-oġġezzjonijiet kien sejjer jagħlaq, u jibbaża l-oġġezzjoni fuq dawn il-punti:-

a. id-diversi *policies* tal-MEPA kif diġà stabbiliti jagħmluha ċara li din il-proposta ta' żvilupp ma tistax tiġi milqugħa.

b. Il-Kunsill jara li l-MEPA tagħti garanzija li l-kamra tan-nar tal-każin La Stella tiġi protetta u li kull min juża l-kamra tan-nar La Stella ma jiġix effettivament ħażin fil-ħidma tiegħu.

**2.0 <u>Għeluq tal-laqgħa</u>**

2.1 Peress illi l-materja fuq l-aġenda ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.35pm sine die.

| | | |
|---|---|---|
| J Ranier Busuttil | Joseph M. Formosa | John Mary Calleja |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | *Corporate Service Executive Manager* | Sindku |

Data: ___________________